MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33/09

**L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2026**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Bailey Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

33.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

33.4 Is-Sitwazzjoni tal-Binja tal-Kunsill Lokali tal-Gudja;

33.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

33.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali; a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress
d. Xiri tal-Van għall-Komunita – progress

33.7 Rapporti;

33.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

33.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti
## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 33.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 31/09 u nru 32/09 nem con.

### 33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

33.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li fil-jiem li għaddew, il-kuntrattur għamel ix-xogħol tal-ħamrija fil-partijiet ta' nofs ta' Sqaq il-Loġġia u ta' Triq Tal-Għolljiet. B'hekk ix-xogħljiet f'dan il-proġett ġie konkluż.

33.3.2 Is-Sindku għamel referenza għat-talba li kien hemm biex isiru sleeping policeman fi Triq Bir Miftuħ minħabba is-sewqan aċċessiv li qed isir f'din it-triq. Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill bgħat l-ittri fid-djar b'din il-proposta, il-Kunsill irċieva oġezzjoni waħda. Is-Sindku propona biex

r-road hump tiġi nstallata fejn hemm l-IBINS. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-sleeping policeman mhux ser tagħmel effett, fejn mhux se twaqqaf milli jkun hemm sewqan eċċessiv. Is-Sur Caruana propona sabiex isir speed limit u tiġi nfurzata.

33.3.3 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li għada kienet ser isir laqgħa mall-perita ta' IM dwar ix-xogħlijiet li ser isiru fi Triq il-Lebbien. Is-Sindku qal li l-parti id-dejqa ser tkun qed isir bil-pavimentar. Il-Kunsillier S Caruana qal li huwa importanti li l-bankina tiġi tajba u aċċessibbli għal wheelchairs u pushchairs.

33.3.4 Is-Sindku propona sabiex Triq Santa Katerina c/w Triq San Ċiru tiġi one way. Il-Kunsill qabel li jagħmel talba lill-TM.

33.3.5 Is-Sindku propona li Triq il-Magħsar tiġi one way-titla' biss u Triq San Mark tiġi one way titla' biss ukoll. Il-Kunsillier S Caruana qal li minn mindu tneħħew il-barriers minn fejn l-iskola, it-tfal m'għadhomx aktar siguri u residenti qed jieħdu dawra meta jmorru biex jiġbru tfal. Is-Sur Caruana qal li waqt il-ħin tal-iskola Triq San Mark trid tkun magħluqa. Is-Sindku propona biex nkellmu lill-Head tal-Iskola u lill-Pulizija.

33.3.6 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li qed isiru xi xogħlijiet minn naħa tal-Public Works fosthom ħitan tas-sejjieħ fi Triq Bir Miftuħ c/w Triq Santa Marija, ħajt fi Triq Dawret il-Gudja, ħajt fi Triq Ħal-Resqun c/w Triq Ħal-Safi u ħajt fil-Housing Estate tal-Mitħna.

Is-Sindku talab sabiex jissospendi laqgħa.

Wara diskussjoni li saret bejn il-membri tal-Kunsill, il-laqgħa kompliet.

33.3.7 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenzi li kienu ntbagħtu minn naħa tas-Soċjeta Filarmonika La Stella u l-Għaqda Armar Santa Marija dwar kumpens li talbu ħabba tiżjin tal-Milied. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jħallas lil dawn l-Għaqdiet dak l-ammont tal-flus li qed jitolbu. Il-Kunsill qabel li dwar dawn it-talbiet ser jitlob parir lid-Direttur, hekk kif l-istess Direttur jaf b'din is-sitwazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu t-triq 'il quddiem. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex is-Soċjeta Mużikali La Stella tibgħat invoices separati u mhux invoice waħda.

18:45hr Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex skużat.

33.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li ser tkun qed titella' attivita'/ħarġa għal Jum l-Omm f'Mejju.

33.3.9 Ġiet preżentata kwotazzjoni għal sistema tal-accounts ġdida biex isir is-sistema l-ġdida tac-Charts of Accounts. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

33.3.10 Ġiet preżentata talba mingħand il-librara biex jinxtraw kotba ġodda għal librerija. Għalissa din it-talba ġiet rifjutata u l-Kunsill ser ikun qed jikkunsidra din it-talba aktar ' il quddiem.

33.3.11 Ġie preżentat ir-rapport ta' kull xahar ippreparat mill-Contracts Manager.

33.3.12 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kiend daħħal ir-rapport mall-Ombudsman dwar is-sitwazzjoni tal-pagamenti pendenti minn naħa tal-kumpanija Wasteserv Malta Ltd.

33.3.13 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li għal sena oħra, l-Kunsill Reġjonali ta' Nofsinhar kien ser jgħin finanzjarjament biex jinkera van għar-residenti għall-attivita ta' San Girgor. Il-Kunsill ser ikun qed jorganizza dan il-van għal dawk kollha li jkunu interessati jattendu.

33.3.14 Ġiet preżentata korrispondenza dwar Sidewalk Libraries fil-lokalita'. Il-Kunsill wera l-interess f'dan il-proġett.

33.3.15 Ġiet preżentata korrispondenza li ntbgħatet mill-kumpanija tal-BCRS dwar l-ispustjar tal-magna tal-fliexken fejn Ġnien il-Kmand. Il-Kunsill ser ikun qed iħallas biss tal-cladding u installazzjoni tal-cladding.

33.3.16 Is-Sindku għamel referenza għall-attivita ta' Mejju li kienet ser isir f' Bir Miftuħ. Is-Sindku żied jgħid li minħabba s-sitwazzjoni tal-binja tal-Kunsill, qed jiproponi li din l-attivita' ma sirx minħabba li matul dawn ix-xhur il-Kunsill irid jiffoka fuq din is-sitwazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk pżenti u l-Kunsill ser ikun qed jibgħat lid-Dipartiment dwar din id-deċizjoni.

33.3.17 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza li ntbgħatet dwar ix-xogħlijiet li ser isiru fl-ajruport. Is-Sindku żied jgħid li dawn ix-xogħlijiet huma mistennija jitlestew sa sena 2028. Is-Sindku qal li huwa ferm importanti li ċertu xogħol li ser isir matul il-lejll, ma jkunx xogħol li jitħaddmu ċertu inġenji ta' storbju jew tħaffir.

**33.4 Is-Sitwazzjoni tal-Binja tal-Kunsill Lokali tal-Gudja;**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti l-Kunsill irċieva sentenza tal-kawża dwar il-binja tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill għandu 6 xhur ċans biex joħroġ minn ġol-binja. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġà bgħat ittra lill-Ministru kkonċernat, lill-Prim Ministru u l-entititajiet oħra kkonċernati dwar din is-sitwazzjoni. Is-Sindku żied jgħid li fuq talba mid-Direttur Ġenerali, il-Kunsill qed jiċċekkja jekk is-sidien jridux ibiegħu u naraw il-prezz li qed jintalab. Is-Sindku qal ukoll li tkellem mall-Kap tal-Iskola Primarja biex il-Kunsill jagħmel użu minn klassi li qed tintuża bħala store, fejn il-Kunsill qed jistenna risposta mingħand il-Prinċipal tal-Kulleġġ. Is-Sindku qal ukoll li għamel laqgħa mall-Arċipriet, fejn talab biex il-Kunsill jagħmel użu miċ-Ċentru tal-Parroċċa imma sfortunatament din it-talba ma ġietx milqugħa. Is-Sindku qal ukoll li għandha tiġi kkunsidrata li tingħalaq il-librerija u jsir uffiċċju temporanju hemm.

**33.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

33.5.1 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tiġi nstallata mera fi Triq Mons. Pawlu Mallia c/w Triq Santa Marija.

33.5.2 Il-Kunsillier S.Caruana nforma lil dawk preżenti li hemm xi dawl mitfi fi Ġnien Ġlormu Cassar.

33.5.3 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għaz-zebra cross li qegħda fi Vjal it-Torri li għandha nuqqas ta' dawl. Ġie maqbul li jinxtraw xi dwal bis-solar.

33.5.4 Il-Kunsilliera M. Micallef talbet sabiex isir xi lakstu mat-tappieri li hemm fi Triq William Baker.

**33.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progres
d. Xiri tal-Van għall-Komunita – progress

Ġew preżentati l-kwotazzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni għal van tal-komunita'. Il-Kunsill approva li morru għal aħjar offerta. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikollu żewġ xufiera, impjegat tal-Skema tal-Komunita' u impjegat tal-RSSL, fejn ser jibdew f'April.

**33.7 Rapporti;**

Nil

**33.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 22/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku A. Dalli u sekondata mill-Kunsilliera M. Bailey Micallef għall-ammont totali ta' €23,904.13 u ġiet approvata nem con. Il-Kunsill qabel li għalissa l-pagamenti tal-Għaqdiet ma jsirux sakemm tiġi malgħuqa l-kwistjoni tat-tiżjin tal-Milied.

**33.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fit-tmienja neqsin għaxra ta' filgħaxija (7:50pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 13 ta' April 2026 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Dakinhar stess ser tkun qed isir ukoll il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' fis-6.30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 13 t`April 2026

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv